MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 701/2006

**Avukat Dottor Melvyn Mifsud L.L.D., Detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 605761 ittra 'M', bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co.KG, Dieselstrasse 12, 72555 Metzingen, Germany**

**vs**

**Dr. Leslie Cuschieri u PL Doreen Aquilina nominati b'digriet tal-25 ta' Settembru, 2006 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil CHINA ELECTRO S.A.R.L. SIEGE SOCIAL: AVENUE AL IRAQ, AL MANAR 5, LMMEUBLE C, APPARTEMENT 7-MARAKECH**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat ir-**rikors guramentat** li permezz tieghu ir-rikorrent issottometta illi:

1. Illi l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirraprezenta lis-socjeta' estera *Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co. KG,* bhalma jirrizulta mill-prokura, vera kopja ta' l-istess, hawn annesa u mmarkata bhal Dokument M.M. 1;

2. Illi s-socjeta' attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, inter alia in konnessjoni ma' diversi prodotti fosthom hwejjeg, ilbiesi, portmonijiet, cinturini u zraben u prodotti ancillari ghall-istess, u hija proprjetarja ta' diversi marki (*trademarks)* li jkopru dan in-negozju vast taghha;

3. illi b'hila, b'invenzjoni kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, s-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnessjoni mal-marki (*trademarks)* taghha;

4. Illi in partikolari, s-socjeta' attrici ghandha registrata f'Malta erba' marki (*trademarks)* liema marki jgibu in-numri tar-registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445 bhalma jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti MM2, MM3, MM4 u MM5 u dan dwar hwejjeg, ilbiesi, portmonijiet, u zraben u prodotti ancillari, fost ohrajn, li jaqghu fi klassi hamsa u ghoxrin (25) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht In-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks;*

**5.** Illi dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta' attrici hija *detentrici ta' dritt* ghall-iskopijiet tad-

dispozizzjonijiet relevanti ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) **Kapitlu 414** ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-stess ligi, **fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8 (1)** taghha**;**

6. Illi ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-istess Kapitolu 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* CLHU 2316330, konsistenti *inter alia* f'ghaxart elef u tmin mitt (10,800) portmoni u erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) cinturin (*belts)* li fihom il-kliem HUGO BOSS u/jew HUGO u/jew BOSS u indikazzjonijiet ohrajn, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana *in transit* ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/importatrici ndikata fuq l-istess polza ta' kargu, kopja hawn annessa u immarkata bhala Dokument M M 6, bhala CHINA ELECTRO S.A.R.L. SIEGE SOCIAL u prima facia deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali;

7. Illi s-socjeta' attrici giet infurmata b'din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti, kkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti, kontrafatti (*counterfeit)* u li ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali, appartenenti lis-socjeta' attrici, bhalma jidher mill-hawn ipprezentat dokument relatat, immarkat bhal Dokument MM7;

8. Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-dispozizzjonijiet ta' **artiklu 4 tal-Kap 414** hawn fuq imsemmi kif ukoll ta' **l-artikli 10(1) u 2(b) ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* Kap 416,** u japplikaw ghall-kaz id-dispozizzjonijiet rilevanti ta' **l-artikli 14 sa 19 tal-Kap 416, 2 u 8 (1) tal-istess Kap 414 u 76A(1) ta' l-Att XXII tas-sena 2005** dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);

9. Illi sussegwentement is-socjeta' attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta' attrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sal-31 ta' Lulju 2006 sabiex tinghatalu l-prova li

nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghad-decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha diikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddikjara illi l-oggetti konsistenti f'ghaxart elef u tmien mitt (10,800) portmoni (*wallets)* u erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) cinturin (*belts)* bil-kliem HUGO BOSS u/jew HUGO BOSS u.jew BOSS u/jew *label* u/jew indikazzjonijiet ohrajn u li jinsabu f'dan il-mument taht il-kustodja u taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* CLHU 2316330, kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numri ta' registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445, konsistenti fi-kliem HUGO BOSS u/jew BOSS u/jew HUGO jew indikazzjonijiet jew *label* simili;

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' ghaxart elef u tmien mitt (10,800) portmoni (*wallets)* u erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) cinturin (belts) fil-*container* numru CLHU2316330 da parti tal-konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravjeni d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond artikolu 2(1)(a),(i),(ii),(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-istess artikolu 4 tal-istess Kap. 414 u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta' attrici;

3) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-destruzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok ta’ l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414;

4) Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici taghha;

5) Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Industrijali (Mizuri Intrakonfini) – Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta’ attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-**risposta guramentata ta’ l-intimati** a fol. 34 tal-process fejn issottomettew:

1. Illi b’digriet tal-25 ta’ Settembru 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ China Electro S.A.R.L Siege Social.

2. Illi huma ghad ma kellhomx zmien bizzejjed biex jaraw jistghux jikkomunikaw ma’ xi persuna interessata fil-kumpanija konvenuta u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavit ta' George Agius, impjegat tad-Dwana, li qal li meta fethu l-*container* in kwistjoni kienu sabu kartiri u cinturini li kellhom fuqhom il-marka Hugo Boss u dawn deheru suspettuzi li kienu kontrafatti. Kienu hadu kampjuni u ghaddewhom lir-rapprezentanti ta' Hugo Boss u mill-ezamijiet li saru minnhom instab li dawn l-kampjuni kienu kontrafatti. Il-kontenut tal-*container* ittiehdet mill-imhazen tad-Dwana imbaghad saret il-kawza.

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat in-nota ta' Dr. Cuschieri noe;

Peress illi t-talbiet jirrizultaw gustifikati u mhux kontestati.

**DECIZJONI**

Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara illi l-oggetti konsistenti f'ghaxart elef u tmin mitt (10,800) portmoni (*wallets)* u erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) cinturin (*belts)* bil-kliem HUGO BOSS u/jew HUGO BOSS u/jew BOSS u/jew *label* u/jew indikazzjonijiet ohrajn u li jinsabu f'dan il-mument taht il-kustodja u taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana, kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numri ta' registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445, konsistenti fi-kliem HUGO BOSS u/jew BOSS u/jew HUGO jew indikazzjonijiet jew *label* simili;

Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' ghaxart elef u tmin mitt (10,800) portmoni (*wallets)* u erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) cinturin (belts) fil-*container* numru CLHU2316330 da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravjeni d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond

artikolu 2(1)(a),(i),(ii),(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant in vjolazzjoni ta' l-istess artikolu 4 tal-istess Kap. 414 u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta' rikorrenti;

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta' attrici u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-intimati u dan ghas-spejjez ta' l-intimati, inkluz dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-destruzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------